



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12200/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0171 (NLE)

PECHE 392

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea
----------	---

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd
skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd
bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe
u l-Komunità Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007¹ li kkonkluda l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea² ("il-Ftehim"). Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 u għadu fis-seħħ.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe ("São Tomé u Príncipe") bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' protokoll ġdid biex jimplimenta l-Ftehim.
- (3) Il-Protokoll preċedenti għall-Ftehim skada fit-22 ta' Mejju 2018.
- (4) Il-Kummissjoni nneozjat protokoll ġdid fisem l-Unjoni. Wara l-konklużjoni tan-negozjati, il-protokoll il-ġdid ġie inizjalat fis-17 ta' April 2019.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

² ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36.

- (5) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺ il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea ("il-Protokoll") ġie ffirmat fil-....⁺⁺.
- (6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perijodu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (7) Il-Protokoll ser japplika b'mod provviżorju mill-iffirmar tiegħu sabiex jiġi żgurat il-bidu fil-pront tal-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tal-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta'. ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 12198/19 fit-test u kkompleta n-nota korrispondenti ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll fid-dokument ST 12202/19.

Artikolu 1
Opportunitajiet tas-sajd

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

Spanja:	16	-il bastiment
Franza:	12	-il bastiment

b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja:	5	-il bastiment
Il-Portugall	1	-il bastiment

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika minn ... [id-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
